**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 164/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Trevor Micallef)**

**Vs**

***-Omissis* 1-**

***-Omissis* 2-**

**James Mifsud**

**Gordon Farrugia**

Illum is-26 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Antoine Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 253471M, Marlene Attard, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 357872M, James Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 277377M, f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Buz-Dov Developments Ltd. u Gordon Farrugia, detentur tal-karta tal-identita` numru 511877M, f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Buz-Dov Developments Ltd., akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Awwissu, 2011, u fix-xhur/snin ta' qabel din id-data, ġewwa Coral Gables B, Triq Josef Kalleya, Swieqi:

B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta' Quentin Antoine Marie Michel.

**Lil Antoine Attard u lil Marlene Attard weħidhom talli:**

Fl-1 ta' Awwissu, 2011, bi ksur tal-Artikoli 43(1)(a) u 18(1), 18(2) u 18(3) tal-Att ta' 1999 dwar Servizzi tal-Ivjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kapitlu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, u bi ksur tal-Artikoli 3 u 9 tal-avviż legali 131 ta' l-2002, operaw jew ippermettew li tiġi operata operazzjoni turistika minn Coral Gables, Triq Josef Kalleya, Swieqi, mingħajr ma kellhom liċenzja mill-Awtorita' biex jagħmlu dan.

**Lil James Mifsud waħdu talli:**

Irrenda ruħu reċidiv skont Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju, 2019 fejn il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputati Antoine Attard u Marlene Attard minn kwalunkwe ħtija u piena, u illiberat lill-imputat James Mifsud mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikolu 225(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront tal-imputat James Mifsud waħdu rat ukoll l-artikolu 49 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati James Mifsud u Gordon Farrugia ħatja tal-ewwel imputazzjoni, u kkundannathom għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien erba' snin. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja James Mifsud u Gordon Farrugia, il-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lil imputati James Mifsud u Gordon Farrugia jħallsu bejniethom lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €2,424.56 rappreżentanti spejjez peritali. Ordnat wkoll illi jekk l-ispejjeż ma jitħallsux immedjatament, dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija ai termini tal-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellanti James Mifsud u Gordon Farrugia f'isimhom proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Buz-Dov Developments Ltd., ppreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2019, fejn talbu lil din l-Qorti tilliberhom minn kull piena u ħtija jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżibita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rapporti imħejjija mill-Uffiċjali tal-Probation fil-konfront taż-żewġ appellanti.

Semgħet il-provi limitatament dwar il-piena.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti fl-aggravji minnhom intentati jilmentaw illi l-Ewwel Qorti malament sabithom ħatja tal-akkuza lilhom addebitata u dan meta għamlet apprezzament żbaljat tal-provi kif ukoll interpretazzjoni żbaljata ta' dritt in materja. Fl-ewwel lok jisħqu illi l-Qorti erronjament interpretat x-xiehda tal-appellanti bħala ammissjoni tar-responsabbiltà għal dak li seħħ, in vista tal-fatt ukoll illi l-ebda wieħed mill-appellanti ma kien jaf min bena l-ħajt mertu ta' dan is-sinistru. In oltre l-appellanti jikkontendu illi l-Qorti interpretat erronjament dak dispost fl-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali u dan meta ġiet biex tqies ix-xiehda mogħtija mill-ko-akkużati fil-konfront tal-

appellanti u *vice versa* kif ukoll meta qieset illi l-appellanti ma kinux ottemperaw irwieħhom ma' dak imfassal fir-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.06 għal dak li jirrigwarda x'kien mistenni mill-appellanti fuq is-sit tal-kostruzzjoni fir-rigward tal-binja tal-ħajt in kwistjoni. Jilmentaw ukoll illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tqies il-kontributorjeta' tal-vittma għall-inċident u dan meta jikkontendu illi l-ħajt ma kienx jiġġarraf li kieku ma kienx għal mod kif Michel iddendel miegħu. Finalment u *in subsidium* l-appellanti qegħdin jitolbu tnaqqis fil-piena mposta fuqhom mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tagħhom din hija wisq ħarxa.

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami li għamlet din il-Qorti mill-ġdid tal-atti proċesswali u dan bil-għan li jiġu ndirizzati l-aggravji imqanqla mill-appellanti, jirriżulta illi nhar l-1 ta' Awwissu 2011 seħħ inċident fatali ġewwa l-fond Coral Gables, Triq Josef Calleja, Swieqi. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabu li kien iġġarraf ħajt fuq student ta' nazzjonalita' Franċiża, ċertu Quentin Michel ta' dsatax il-sena, li nstab mixħut fl-art b'numru ta' *bricks* fuq il-persuna tiegħu, u li kien mitluf minn sensieh. F'dak il-ħin sħabu li kienu miegħu f'din ir-residenza bdew ineħħu dawn il-*bricks* minn fuqu u infermjiera kienet qed tissomministralu is-*CPR*.

Ġew mitkellma ċertu Marlene Attard u żewġha Antoine Attard, is-sidien tal-fond, li kienu krewh lil xi studenti barranin li kienu għal btala ġewwa Malta. Spjegaw illi l-ħajt li ġġarraf kien inbena għal skopijiet estetiċi sabiex igħatti struttura tal-blat li kien hemm warajh. Il-pulizija tkellmu wkoll mal-istudenti li kienu fir-residenza, u li wħud minnhom kienu xhieda tal-inċident, li spjegaw li fil-ħin li kkrolla l-ħajt il-vittma kien qed jippoża għal ritratt billi qabad mat-tarf tan-naħa ta' fuq tal-ħajt bil-konsegwenza li ġibdu għal fuqu. Michel sofra ġrieħi gravi u sfortunatament tilef ħajjtu fi triqtu lejn l-isptar. Mill-awtopsja li saret ftit tal-ħin wara u mill-analiżi mediko-legali magħmula mill-esperti maħtura fl-*in genere* ħareġ illi l-vittma kien miet minħabba '*chest trauma, namely rib fractures and right lung hilar laceration, including laceration of the right main bronchus, sustained at compression of the chest*', dawn il-grieħi kkaġunati meta Michel spiċċa taħt it-tifrik tal-ħajt li waqa' fuqu. Minn aktar stħarriġ magħmul mill-pulizija

investigattiva ġie stabbilit illi kienet is-soċjeta' Buz-Dov Developments Ltd, li ħadet ħsieb il-kostruzzjoni tal-fond fejn seħħ l-inċident u wkoll tal-ħajt mertu tal-każ, liema soċjeta', fiż-żmien tal-inċident, kellha bħala diretturi lill-appellanti James Mifsud u Gordon Farrugia.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel ma tindirizza l-aggravji imqanqla mill-appellanti marbuta mal-mertu, l-Qorti qabel xejn tosserva illi fid-determinazzjoni tar-responsabbiltà penali għas-sinistru mertu ta' dawn il-proċeduri fejn l-prosekuzzjoni għoġobha tixli erba' minn nies fl-istess proċediment penali, l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija neċessarjament kellha tara illi tiġi applikata r-regola evidenzjarja dwar ix-xhieda tal-persuna tal-ko-akkużat. Illi allura ġustament l-Ewwel Qorti meta ġiet biex tqies ir-responsabbiltà ta' kull wieħed mill-akkużati kellha tara illi dak mistqarr minn kull wieħed minnhom kellu jiswa għalih biss u ma kellux jingħata piż fil-konfront ta-ko-akkużati l-oħra. Sabiex ix-xhieda tal-ko-akkużat titqies bħala evidenza ammissibbli fil-konfront jew favur l-ko-akkużati l-oħra, jinħtieġ illi l-każ ikun ingħalaq definittivament u li huma jiġu inġunti bħala xhieda fil-proċeduri li jistgħu ikunu għadhom pendenti fil-konfront tal-bqija tal-ko-akkużati. Issa filwaqt illi l-proċeduri kontra l-imputati Attard għaddew in ġudikat, l-appellanti madanakollu ma ressqu ebda talba sabiex dawn jiġu nġunti bħala xhieda issa fi stadju ta' reviżjoni u allura din il-Qorti hija prekluża milli tirreferi għad-depożizzjonijiet tagħhom mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti. Ovvjament dan japplika wkoll għal dak li jirrigwarda x-xhieda tal-ko-appellanti fil-konfront ta' xulxin.

Illi jinghad minnufih illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għamlet taqsira jew sommarju pjuttost dettaljat tal-provi ikkumpilati li jiġbor in suċċint l-punti saljenti tal-fattispeċje traġiċi ta' dan il-każ u dan mingħajr ma tħallew barra xhieda jew dettalji oħra li setgħu kienu ta' relevanza jew ta' piż għad-deċiżjoni aħħarija tagħha. *Di piu*, jidher ukoll illi l-Ewwel Qorti tat affidament lil-verżjoni tal-fatti kif seħħew skond it-testimonjanza tax-xhieda li kienu fil-kumpanija tal-vittma u li raw is-sinistru jseħħ proprju quddiem għajnejhom, liema xiehda hija kkorroborata bir-ritratti li dawn in-

nies kienu qed jiġbdu fil-mument li ġġarraf il-ħajt, sabiex din il-Qorti, u l-Ewwel Qorti qabilha, kellha x-xorti kważi tara viżwalment minuta b'minuta dak li seħħ. Din il-Qorti tiddikjara mingħajr tlaqliq illi ma tara ebda motiv li jista' iwassalha titbieghed mill-eżerċizzju metikoluż magħmul mill-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-fattispeċje tal-każ u l-kredibbilta' ta' dawn ix-xhieda. Lanqas ma hija tal-fehma illi dawn il-persuni b'xi mod setgħu ftehmu bejniethom dwar il-mod kif kellhom jagħtu x-xiehda tagħhom u dan peress illi jidher mid-depożizzjonijiet tagħhom li dawn kienu qegħdin ilkoll jixhdu mill-ottika tagħhom dwar dak minnhom osservat, tant illi min ma rax l-inċident iseħħ, allavolja preżenti, iddikjara safejn kien jaf jew ra mingħajr tiżjin żejjed. Apparti minn hekk dak li dawn ix-xhieda iddeponew quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bil-ġurament tagħhom huwa kompatibbli ma' dak li ddeponew quddiem l-espert Tekniku Vincent Ciliberti illi sema d-depożizzjonijiet ta' xi uħud minn dawn ix-xhieda bil-għan li jħejji r-rapporti tiegħu, u liema xhieda nstemgħu *a tempo vergine* u ċioe' nhar it-2 ta' Awwissu 2011, l-għada li seħħ is-sinistru traġiku mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi konsegwentement, kemm minn dak li xehdu dawn ix-xhieda, kif ukoll mir-ritratti eżebiti in atti, u fuq kollox minn dak determinat mill-esperti peritali maħtura fl-*in genere* sabiex bil-kwalifiki tagħhom jistabbilixxu dak li wassal għat-tiġrif tal-ħajt, jirrizulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju illi l-ħajt li ċeda fuq Quentin Michel ma kienx ħajt stabbli u ma kienx inkullmat kif titlob is-sengħa u l-arti. Jirriżulta wkoll illi fil-mument meta dan il-ħajt waqa', il-vittma kien qiegħed jippoża għal ritratt billi jissimula skalatura ma dan il-ħajt. L-appellanti fil-fatt jattribwixxu l-ħtija għal dan is-sinistru għal dan il-fatt billi jikkontendu illi l-kawza prossima tat-tiġrif tal-ħajt kien il-piż li eżerċita l-vittma fuqu meta ddendel miegħu. Madankollu, għalkemm huwa minnu illi din l-azzjoni da parti tal-vittma wasslet sabiex il-ħajt iġġarraf, madanakollu ma kenitx il-kawza prossima unika għal dan l-inċident fatali. Jibda biex jingħad illi mill-provi indizzjarji jirrizulta illi l-vittma ma setax eżerċita xi forza fiżika qawwija meta ippoża għar-ritratt mal-ħajt. Ir-ritratti meħuda minn sħabu jindikaw illi Michel ma kienx imdendel mal-ħajt billi saqajh mhumiex fl-arja, b'waħda minnhom isserraħ fl-art. Mhux biss, iżda bl-istatura tiegħu li kienet waħda pjuttost twila u rqiqa, Michel ftit li xejn seta' għamel saħħa fuq il-ħajt in kwistjoni meta ippoża f'dan il-mod. Jidher

in oltre illi dak li ġara seħħ f'temp ta' ftit minuti, tant illi skond ix-xhieda ta' Nicholas Stephane Jean Drizard[1] li xehed kemm quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll quddiem l-espert tekniku Vincent Ciliberti, u li kien il-persuna li ġibed l-ewwel ritratt, f'dak il-mument li l-vittma kien qed jissimula din l-iskalata, kif jindika r-ritratt miġbud[2], l-ħajt kien diga' qed jintlewa 'l barra fid-direzzjoni tal-vittma mill-parti ta' fuq tiegħu. Bejn l-ewwel u t-tieni ritratti, li kien ser jiġi skattat, peress illi l-ewwel wieħed ma ġiex ċar, seħħ is-sinistru, tant illi t-tieni ritratt ma laħaqx inġibed imma Drizard jiftakar li hu ra l-inċident iseħħ mill-*camera* tar-ritratti tiegħu. Kwindi hawnhekk ma saritx azzjoni ripetuta fuq medda ta' ħin mill-vittma jew minn sħabu li seta' wassal sabiex il-ħajt jiġi skussat mill-pedamenti tiegħu u b'hekk iċedi. Jirrizulta indubbjament illi bi pressjoni minima fuq il-parti ta' fuq tal-ħajt, dan ċeda u dan gharraguni li dan il-ħajt ma kienx marbut, kif ċertifikat ukoll mill-espert tekniku il-Perit Richard Aquilina. Li kieku l-ħajt kien inkullmat u mibni skont is-sengha u l-arti, dan ma kienx jaqa' irrispettivament mill-azzjoni magħmula mill-vittma.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant James Mifsud[3] jikkonferma li kien il-kuntrattur inkarigat bil-kostruzzjoni tas-sit in kwistjoni. Kien sid il-fond, Antoine Attard li inkarigah sabiex jibni dan il-ħajt bil-għan illi titgħatta in-nixxiegħa tal-ilma u tad-drenaġġ provenjenti mill-blata li kien hemm f'din il-bitħa. Foreman biex jissorvelja dan ix-xogħol ma kienx ġie inkarigat minn Mifsud. Issa għalkemm l-appellant Mifsud jinsisti illi l-ħajt ma kienx jinħtieġ li jiġi inkullmat, kuntrarjament għal dak li isostni l-espert Aquilina, madanakollu huwa indubitat illi l-ħajt, kif ingħad, ma kienx stabbli fil-kostruzzjoni tiegħu, haġa li kellu ikun evidenti għall-appellant li igħid li għandu snin twal ta' esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni u l-bini.

Illi mill-banda l-oħra l-appellant Gordon Farrugia għalkemm jgħid illi hu kien ikun fuq is-sit, iżda xogħolu kien li jieħu ħsieb l-inġenji li kien iħaddem flimkien mal-bennejja li kien hemm jaħdmu fuq il-post, huwa indubitat allura illi dan il-ħajt rah qed jinbena, għalkemm hu isostni illi ma jiftakarax jarah tielgħa. Illi mbagħad mid-

[1] Folio 588 tal-atti proċesswali.
[2] Folio 102 tal-atti proċesswali formanti parti mir-rapport peritali ta' Vincent Ciliberti.
[3] Folio 454 tal-atti proċesswali, deposizzjoni datata l-15 ta' Marzu 2017.

depożizzjonijiet tal-Periti inkarigati b'dan il-proġett u mill-pjanti li ġew eżebiti, li jikkostitwixxu prova marbuta mal-ħruġ tal-permessi tal-bini u tal-*compliance certificate* fuq il-proġett kollu, jidher illi dan il-ħajt ma jikkonfigurax fuq il-pjanta li fuqha ħarġet il-*compliance*. Lanqas jidher li saret xi referenza għalih meta saret il-*minor amendments application* għas-sit. In oltre mix-xhieda tal-Perit Aaron Farrugia u l-Perit Edwin Mintoff li kienu involuti f'dan il-proġett jirrizulta illi qatt ma kien indikat mill-klijent li kellu jinbena dan il-ħajt tant għalhekk illi l-kostruzzjoni ta'l-istess qatt ma ġiet approvata minnhom u kwindi sar *ad insaputa* tagħhom.

Illi l-Ewwel Qorti rreferiet ukoll għar-regolamenti li jaqgħu taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.06 li jirregolaw is-sigurtà' dwar il-bini u fuq is-sit ta' kostruzzjoni, liema regolamenti jimponu ċertu obbligi fuq l-appellanti bħala l-izviluppaturi u kuntratturi inkarigati b'proġetti ta' kostruzzjoni. Illi dawn ir-regolamenti, għalkemm applikabbli fiż-żmien tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, madanakollu kif tindika anke l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, dawn ġew imħassra permezz tal-Avviż Legali 89 tal-2018. Dan madanakollu ma jeżentax lill-appellanti mir-responsabbiltà penali tagħhom u dan meta aċċettaw li jerfgħu r-responsabbiltà għal kostruzzjoni tal-ħajt mertu ta' dawn il-proċeduri mingħajr ma ħadu dawk il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jaraw illi l-bennejja minnhom inkarigati esegwew ix-xogħol skond is-sengħa u l-arti. Illi n-negliġenza minn naħa ta'l-appellanti tirriżulta fuq kollox mill-fatt illi lanqas kienu kapaċi jindikaw min mill-bennejja minnhom inkarigati kien responsabbli għal kostruzzjoni tal-ħajt.

Illi l-appellanti ġew mixlija mhux biss fil-kapaċità personali tagħhom iżda wkoll f'dik vikarja u dan in rappreżentanza tas-soċjeta' Buz-Dov Development Ltd, b'dan għalhekk illi r-responsabbiltà penali tagħhom titwieled ukoll minn dak dispost fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat.**

Illi mill-atti jirriżulta illi l-appellanti huma diretturi tas-soċjetà in kwistjoni u fil-fatt kienu jokkupa din il-kariga dakinhar tal-1 ta' Awwissu 2011. In oltre fis-sena 2010 jirriżulta li l-appellant Farrugia, li oriġinarjament kellu r-rwol ta' segretarju tal-istess soċjeta', irriżenja minn dan ir-rwol sabiex isir id-direttur tagħha u ġie maħtur bħala rappreżentant legali u ġudizzjarju tas-soċjetà fil-21 ta' Mejju 2010 biż-żewġ appellanti b'hekk ikollhom ir-rwol ta' rappreżentanti tal-kumpanija.[4] Dan ifisser illi sabiex jeżimu ruħhom mir-responsabbiltà vikarja tagħhom, l-appellanti jridu jippruvaw illi x-xogħol sar mingħajr it-tagħrif tagħhom u li eżerċitaw id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex l-event dannuż jiġi evitat. Illi l-fatt illi huma setgħu ma kinux preżenti waqt il-kostruzzjoni tal-ħajt ma jeżimix lill-istess appellanti mir-responsabbiltà illi jaraw illi x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti, ħaġa li ma rnexxielhomx jippruvaw sal-grad meħtieġ minnhom fil-liġi billi, kif ingħad, lanqas kienu f'pożizzjoni jindikaw min bena dan il-ħajt, kif u meta.

Huwa ndubitat illi l-klijent tal-proġett ta' kostruzzjoni kien inkariga lil kuntratturi u ċioe' liż-żewġ appellanti jieħdu ħsieb il-kostruzzjoni tal-ħajt mertu ta' dawn il-proċeduri u dan sabiex jitgħatta il-blata li kien hemm fil-proprjetà. Illi l-bini ta' dan il-ħajt ma kienx indikat fil-pjanta u sar mingħajr il-permessi meħtieġa u *ad insaputa* tal-perit inkarigat jieħu ħsieb dan ix-xogħol. Ħadd ma issorvelja l-kostruzzjoni ta' dan il-ħajt u lanqas hemm prova li tindika illi l-appellanti jew xi ħadd minnhom ivverifika x-xogħol wara li kien sar. Lanqas biss kienu kapaċi jindikaw min kienu dawk il-persuni li fiżikament bnew dan il-ħajt u min tahom struzzjonijiet biex jagħmlu dan.

Illi l-Ewwel Qorti eżaminat *funditus* il-ġurisprudenza in materja ta' *culpa* fil-kamp penali u a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti qed tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet ta' dritt hemmhekk magħmula. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija fil-konfront tal-appellanti tal-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tagħhom.

[4] Ara d-deposizzjoni tal-PL Quentin Tanti lil xehed in rappreżentanza tal-MFSA senjatament a folio 306 u sussegwentement in difeża a folio 715 tal-atti proċesswali.

Finalment għal dak li jirrigwarda l-kontributorjeta' tal-vittma għal dan l-inċident, jirrizulta minn qari tas-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti ħadet dan il-fattur in konsiderazzjoni u dan fil-kalibrazzjoni tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellanti, konsiderazzjoni ta' dritt li ma teżimix lill-appellanti minn xi responsabbiltà iżda unikament tista' isservi bħala mitigazzjoni fil-piena. Il-fatt illi il-ħajt ċeda biss wara li Michel mess miegħu ma jistax jeżonera lill-appellanti mir-responsabbiltà għal bini li sar b'mod negliġenti u dilettantesk.

**Ikkunsidrat:**

Illi finalment jifdal biss l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata fil-konfront tal-appellanti. Jingħad illi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija waħda alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kkundannat lill-appellanti ghal perijodu ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien mal-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż peritali. Illi l-Qorti semgħet diversi xhieda u ħadet anke in konsiderazzjoni r-rapporti imħejjija mill-Uffiċjali tal-Probation f'dan l-istadju ta'reviżjoni, li kollha jikkonfermaw illi l-appellanti huma ċittadini eżemplari u li llum jagħmlu xogħolhom skont kif teżiġi s-sengħa u l-arti. Dan madanakollu ma jistax iwassal għal varjazzjoni fil-piena inflitta fuqhom billi din diġà fiha innifisha hija waħda klementi u li tieħu in konsiderazzjoni, kif ingħad, il-kontributorjeta' tal-vittma għall-inċident, għalkemm hija il-fehma ta' din il-Qorti illi din il-kontributorjeta' hija waħda minima għaliex mhux mistenni li ħajt mibni skont is-sengħa u l-arti għandu jiġġarraf hekk kif persuna tistrieħ jew tmiss miegħu bl-inqas sforz. Kif lanqas hu mistenni li ħajt jiġġarraf għaliex persuna tiddendel miegħu. Illi fuq kollox mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia jirrizulta illi l-familjari tal-vittma, b'mod speċjali l-ġenituri tiegħu għadhom għaddejjin mit-trawma tat-telfa ta' binhom f'dan l-inċident traġiku u sfortunat. Illi allura l-Qorti trid neċessarjament tieħu in konsiderazzjoni dan il-fattur ukoll meta tiġi għal kalibrazzjoni tal-piena, li għandha tara illi sservi ta' riparazzjoni fil-konfront tal-vittmi tar-reat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur